MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2015

Appell Civili Numru. 12/2013

**Vincenza Muscat**

**Vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Rat is-sentenza moghtija fil-15 ta' Mejju 2013 fejn l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*"L-Arbitru*

*Ra l-appell*

*Ra r-risposta*

*Ikkonsidra*

*Illi b'ittra datata 19 ta' Jannar 2012, l-appellanti ġiet mitluba tirrifondi s-somma ta' Ewro 14, 030.04 c imħallsa bħala għajnuna soċjali stante li l-assi tagħha kienu jeċċedu l-limitu ta' Ewro 14,000.*

*Illi ġie interpost appell b'ittra datata 6 ta' Frar 2012.*

*Id-dipartiment irrisponda b'itra datata 11 ta' Frar 2013.*

*Illi jidher illi ġie krejata malintiż b'kuntratt datat 4 ta' Diċembru 2008 fl-atti Nutar Ritianne Bugeja Fenech fejn żewġha kien biegħ proprjetà tiegħu parafernali. L-appellanti kienet dehret biss fuq l-istess kuntratt għal kull interess li seta' jkollha sabiex tirrinunzja għad-dritt ta' okkupazzjoni tagħha derivanti ex lege miż-żwieġ. Sussegwentament iż-żwieġ tagħha ġie annullat. Bis-sehem tagħha mill-likwidazzjoni tal-akkwisti u ħlas globali ta' manteniment, l-appellanti akkwistat fond b'kuntratt datat 2 ta' Lulju 2011 atti Nutar Nicolette Vella. Ma setax isir qabel minħabba diffikoltajiet legali.*

*L-appell qed jiġi milqugħ."*

Illi l-aggravju tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali appellanti huwa fis-sens li l-appellata ma kienitx intitolata ghal tali beneficcju tal-ghajnuna socjali u dan skond l-artikolu 30(1) tal-Kap 318 u konsegwentement hija kellha tirrifondi l-ammont li thallas lilha indebitament ghall-perjodu bejn l-14 ta' Diċembru 2008 u s-27 ta' Jannar 2011 ammontanti ghal €14,030.04 u dan skond l-Artikolu 102

(ii) tal-Kapitolu 318 li jipprovdi ghar-reklam lura minnu ta’ l-ammont versat f’ghajnuna socjali meta min ircevih ma kellux dritt ghalih skond il-ligi.

Huwa necessarju illi qabel kull konsiderazzjoni ohra jigu ffissati dawn il-fatti u cirkostanzi kif jinzlu mill-inkartament tal-kaz quddiem l-Arbitru:-

L-atti juru illi l-appellata kienet ir-recipjenti ta’ beneficcju ghall-Ghajnuna Socjali.

B’ittra tad-19 ta’ Jannar 2012, l-appellanti kiteb lill-appellata biex jinformaha illi hi kienet thallset zejjed is-somma €14,030.04 c ghall-perijodu 4 ta’ Diċembru 2008 sas- 27 ta’ Jannar 2011 u dana peress illi hija kienet ippercepiet dhul kapitali fl-ammont ta’ €96,602 fl-2008 u dana bhala likwidazzjoni ta’l-assi tal-komunjoni pendenti bejnha u bejn zewgha.

Minn din id-decizjoni l-appellata resSqet gravam lill-Arbitru b’ittra datata 6 ta’ Frar 2012 fejn din qalet illi hija ma ħadet ebda somma mill-bejgħ tal-fond Karina, Triq Salvu Gatt, San Gwann mibjugħ minn żewġha Donald Borg fl-4 ta’ Diċembru 2008, liema fond kien jappartjeni lilu b’mod parafernali. Hija tgħid illi sussegwentament xtrat fond numru 90, Casa Giovanni, Birkirkara Road, San Gwann fejn tgħix mal-erbat ulied tagħha, liema fond nxtara bil-flus li r-raġel tagħha ghaddielha in segwitu ghall-arranġament fis-separazzjoni personali, kif inghad.

Premessi dawn il-fatti, jiġi osservat illi l-ligi specjali (Kapitolu 318) tistabbilixxi dawk il-kazijiet li fihom ghandha tinghata l-assistenza previdenzjali. Fil-kawża odjerna jingħad illi d-Direttur isostni illi Vincenza Muscat fil-perjodu bejn l-4 ta’ Diċembru 2008 u s-27 ta’ Jannar 2011 ma kenitx tikkwalifika għal tali għajnuna soċjali peress illi bis-somma ta’ sitta u disgħin elf, disgħa mija u tnejn

ewro, li Vincenza Muscat irċeviet mir-raġel tagħha in likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, liema somma inkisbet mir-rikavat tal-bejgħ tad-dar matrimonjali numru 8, Carina, Triq Salvu Gatt San Gwann, hija ġiet qabżet il-minimu ta' €14 000 skond it-Test tal-Mezzi kif ikkalkolat mit-Termini tat-Tieni Skeda tal-Kap 318.

***Jittraxxendi minn dan illi l-ghotja tal-ghajnuna hi bazata fuq il-presuppost li jezistu r-rekwiziti stabbiliti f'dan il-provvediment rilevanti tal-Kapitolu 318, anke ghaliex hu proprju l-ezistenza ta' dan ir-rekwizit li jifforma n-nukleju fondamentali tar-rapport guridiku interkorrenti bejn l-Istat u l-beneficcjarju;***

***Ma jistax ikun negat illi l-appellanti, rapprezentanti ta' l-Istat ghal dak il-fini ghandu d-dritt, u fuq kollox, id-dover li jaccerta ruhu mill-ezistenza ta' dak ir-rekwizit sija ghall-iskop tar-rapport previdenzjali sija ghal kontinwita` tieghu fid-durata li fih tkun qeghda tigi prestata l-ghajnuna*** (**Sonia Catania vs Direttur tas-Sigurta' Socjali" (A.I.C. – 22 ta' Mejju 2009**).

Kwindi huwa l-obbligu tad-Direttur appellanti fl-ewwel lok li jaghti prova tar-raguni ta' dak l-indebitu.

Jidher li fid-decizjoni tieghu, l-Arbitru isostni:

***"Illi jidher illi ġie krejata malintiż b'kuntratt datat 4 ta' Diċembru 2008 fl-atti Nutar Ritianne Bugeja Fenech fejn żewġha kien biegħ proprjetà tiegħu parafernali. L-appellanti kienet dehret biss fuq l-istess kuntratt għal kull interess li seta' jkollha sabiex tirrinunzja għad-dritt ta' okkupazzjoni tagħha derivante ex lege miż-żwieġ. Sussegwentament iż-żwieġ tagħha ġie annullat. Bis-sehem tagħha mill-oikwidazzjoni tal-akkwisti u ħlas globali ta'***

***manteniment, l-appellanti akkwistat fond b'kuntratt datat 2 ta' Lulju 2011 atti Nutar Nicolette Vella. Ma setax isir qabel minħabba diffikoltajiet legali."***

Illi mill-atti probatorji johrog illi permezz ta' kuntratt datat 4 ta' Dicembru 2008, inbieghet id-dar matrimonjali ta'l-appellata u zewgha liema dar kienet proprjeta parafernali ghal zewgha. Illi minhabba li iz-zwieg tal-konjugi kien tkissr jidher illi huma infirdu u bhala likwidazzjoni tal-komunjoni ta'l-akkwisti u tal-manteniment dovut Donald Borg, ir-ragel ta'l-appellata ghaddielha is-somma ta' €96, 902. Jidher illi minn dawn il-flejjes l-appellata akkwistat id-dar residenzjali taghha fejn hija marret tghix mal-erba uliedha hekk kif hija infirdet minn ma' zewgha. Illi mix-xhieda imressqa mill-appellata u mix-xhieda tal-appellata stess, dawn il-flus gew mghoddija lil hutha u hut ir-ragel taghha u dana peress illi il-proprjeta fejn hija marret tirrisjedi ma' uliedha, ma setatx tigi akkwistata f'isimha billi ma kenitx ghadha infirdet minn ma' zewgha u allura id-dar kienet giet mixtrija  fis-07 ta' Frar 2007 minn ohtha Emanuela Borg u zewgha Grazio. Dawn ta'l-ahhar kienu hadu self ta' Lm17000 biex setghu akkwistaw dina l-proprjeta', filwaqt il-bilanc l-iehor ta' Lm18000 kienu harguhom hut ir-ragel taghha. L-appellata tghid illi appena kif irceviet is-somma ta' €96,902 minn ghand zewgha hija hallset lil ohtha u zewgha u lil hut ir-ragel l-ammonti indikati u cioe' is-somma ta' Lm35000, li bejn wiehed u iehor jammontaw ghal madwar €82000. Illi fil-kuntratt ta'l-akkwist tal-proprjeta taghha gewwa San Gwann, u cioe' dak in atti tan-Nutar Dr. Nicolette Vella tas-27 ta' Novembru 2011 hemm specifikatament iddikjarat fil-klawsola  numru wiehed illi :

**".... il-vendituri jiddikjaraw illi diga rcevew minghand il-kumpratrici (il-prezz) u ihallulha id-debita ricevuta skond il-ligi."**

Dan ghalhekk iwassal lil din il-Qorti ghal konvinciment morali, bhall-Arbitru, illi id-Direttur ma ghandux il-jedd jitlob ir-rifuzjoni tal-previdenza socjali imhallsa bejn is-snin 2008 u 2011 u dana ghaliex id-dhul kapitali li gie f'idejn l-appellata fl-2008 kien gie investit minnha minnufih fl-akkwist ta' proprjeta biex jintuza bhala r-residenza personali taghha u ta' uliedha. Il-kuntratt ta'l-akkwist sar biss fis-sena 2011 billi l-appellata ma setghatx, qabel ma kisbet l-annullament minn ma' zewgha, takkwista il-proprjeta imemmija f'isimha personali. Illi l-Att dwar is-Sigurta socjali jiddisponi illi ghar-rigward tat-test tal-mezzi ghandu jsir l-kalkolu billi jittiehdu in konsiderazzjoni:

**"Il-valur ta' kull proprjetà inkluża kull proprjetà mqiegħda fi trust (<u>minbarra d-dar tar-residenza</u>) li tkun tal-membri kollha tal-familja li hija jew tista' tkun, investita jew użata bi profitt b'esklużjoni ta' għamara, ġojjellerija jew oġġetti oħra personali"**

Billi ghalhekk meta jitnaqqas il-valur tal-propjeta akkwistata mill-appellata kif ukoll l-ispejjez inkorsi in konnessjoni mal-akkwist ta'l-istess ma jirrizultax illi hija qabzet l-ammont ta' €14,000 bhala dhul kapitali u dana ghas-snin 2008 sa' 2011, u ghaldaqstant d-Direttur ma ghandux il-jedd jitlob ir-rifuzjoni ta'l-assistenza socjali imhallas lilha f'dana il-perijodu taz-zmien billi l-appellata kienet investiet dan il-kapital fl-akkwist ta' residenza ghaliha u ghal uliedha u dana hekk kif irceviet dawn il-flus. Dana jirrizulta kemm mix-xhieda li hemm fl-atti, kif ukoll mill-kuntratt ta'l-akkwist innifsu.

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell interpost mill-appellanti id-Direttur tas-Sigurta' Socjali, u tikkonferma is-sentenza ta'l-Arbitru.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------